

Brussell, 7 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

14930/25

SPORT 43

**NOTA**

---

|          |                                                                          |
|----------|--------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Presidenza                                                               |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                            |
| Suġġett: | Id-demokrazija u t-trasparenza fl-isport<br>- <i>Skambju ta' fehmiet</i> |

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bil-ħsieb tal-iskambju ta' fehmiet fil-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fit-28 ta' Novembru 2025.

**Id-demokrazija u t-trasparenza fl-isport**

*Nota ta' gwida mill-Presidenza*

L-isport huwa parti integrali mis-soċjetà Ewropea. Huwa akbar mill-kompetizzjoni, ir-riżultati u l-midalji: l-isport jispira, jinvolvi lin-nies u jgħaqqadhom irrispettivament mill-fruntieri, il-kulturi u l-lingwi. Billi jippromwovi l-ferħ, il-ġustizzja, l-inklużjoni u r-rispett, jgħin biex ikollna ċittadini attivi, f'saħħithom u involuti fis-soċjetà. L-isport jelimina d-distanzi, johlq l-ispazji u jwarrab id-differenzi biex jintlaħqu għanijiet komuni. Kemm fl-areni sportivi kif ukoll fil-klabbs lokali, l-isport isaħħaħ l-identità komuni u l-koeżjoni, u juri li atteggiament ġust u r-rispett tar-regoli jirfdu ċ-ċittadinanza demokratika. Bħala qasam li verament jgħallem id-demokrazija, l-isport irawwem l-integrità, ir-responsabbiltà u l-parteċipazzjoni, filwaqt li jsaħħaħ in-nisġa soċjali li fuqha jserrħu s-soċjetajiet tagħna.

Abbażi ta' dan, ġie żviluppat Mudell Ewropew tal-Isport. Fil-qalba tiegħu hemm il-konvinzjoni li l-isport mhuwiex biss divertiment, iżda jħares ukoll il-valuri komuni tagħna tad-demokrazija, it-trasparenza, is-solidarjetà u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Dawn il-prinċipji huma l-pedamenti tal-fiduċja u l-leġittimità fl-isport. Mingħajrhom hemm riskju li l-isport jitlef ir-rwol tiegħu ta' għaqda, bħala forza kostruttiva għall-ġid tas-soċjetà. Huwa għalhekk li l-Presidenza Daniża tal-UE għażlet li tqiegħed lid-Demokrazija u t-Trasparenza fl-Isport fil-qalba ta' din id-diskussjoni politika.

Inizjattiva tad-Danimarka u l-pajjiżi Nordiċi fl-2021, id-dikjarazzjoni konġunta dwar it-Trasparenza, id-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem fil-Ħidma tal-Federazzjonijiet Internazzjonali tal-Isport kienet pass importanti. Fil-bidu ffirmata minn 23 pajjiż Ewropew u issa approvata minn 38 pajjiż b'kollox, id-dikjarazzjoni tippromwovi teħid miftuħ u demokratiku ta' deċizzjonijiet u sservi ta' referenza utli fid-diskussjonijiet domestiċi u internazzjonali għall-organizzazzjonijiet sportivi, li għandhom responsabbiltà sinifikanti fl-implimentazzjoni u l-ħarsien tal-aħjar prattiki demokratiċi. Il-valuri demokratiċi u trasparenti issa huma integrati sew fil-politika tal-UE dwar l-isport, mill-White Paper tal-2007 dwar l-Isport u t-Trattat ta' Liżbona tal-2009 sal-Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE għall-Isport u l-programm Erasmus+, li kollha kemm huma jsaħħu l-governanza tajba u jinkorporaw fil-kooperazzjoni Ewropea r-rwol tal-isport fis-soċjetà.

Minkejja dan il-progress, għad hemm sfidi serji. Ħafna organizzazzjonijiet sportivi internazzjonali għadhom isibu quddiemhom defiċits demokratiċi, fejn jittieħdu deċiżjonijiet b'implikazzjonijiet estensivi mingħajr l-involvement ġenwin tal-organizzazzjonijiet membri, l-atleti jew is-soċjetà ċivili. It-trasparenza għadha inadegwata wkoll, eż. meta jingħataw id-drittijiet tal-ospitar, fejn kriterji mhux ċari u proċeduri ta' votazzjoni mhux trasparenti jżidu r-riskju ta' korruzzjoni u ta' influwenza mhux xierqa. Fl-istess ħin, l-isport għadu jintuża bħala għodda għal dak li jissejjaħ sportswashing, fejn xi reġimi jieħdu vantaġġ minn avvenimenti kbar biex itejbu r-reputazzjoni tagħhom u jixħtu l-attenzjoni 'l bogħod mill-proċessi mhux demokratiċi u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem.

Barra minn hekk, rajna theddida minn kampjonati separatisti – impriżi kummerċjali li mhumieqx allinjati għalkollox mal-valuri li jirfdu Mudell Ewropew tal-Isport. Kompetizzjonijiet magħluqa u maqtugħa mill-istrutturi ta' promozzjoni u relegazzjoni li jdgħajfu s-solidarjetà bejn il-klabbs kbar u daww żgħar, inaqqsu drastikament ir-rabtiet essenzjali bejn l-isport għad-dilettanti u dak tal-ogħla livell, u jħassru t-tradizzjonijiet ta' sport miftuħ u ġust fil-qalba tal-isport Ewropew. Barra minn hekk, ir-rilokazzjoni ta' kompetizzjonijiet Ewropej lejn postijiet barra mill-Ewropa għal finijiet kummerċjali tista' ddgħajf ir-rabtiet kulturali u soċjali bejn il-klabbs, il-partitarji u l-komunitajiet. Meta l-isport jitbiegħed mill-kuntest naturali tiegħu, hemm riskju li jbiegħed lill-partitarji u li jitlef ir-rwol tiegħu li jsostni l-identità lokali u nazzjonali.

Jekk dawn l-iżviluppi jkomplu, hemm riskju li l-isport jitlef il-leġittimità popolari tiegħu. Il-fiduċja tal-pubbliku tiddependi mit-twemmin li l-logħob jintlagħab b'kundizzjonijiet ekwi u li d-deċiżjonijiet jittieħdu għal raġunijiet demokratiċi ġusti. Jeħtieġ sforz attiv biex niddefendu Mudell Ewropew tal-Isport. L-UE, l-Istati Membri tagħha u l-organizzazzjonijiet sportivi jridu jafferaw mill-ġdid l-impenn tagħhom għall-valuri ta' Mudell Ewropew tal-Isport, jappoġġaw kompetizzjonijiet miftuħa u jippreservaw is-solidarjetà bejn il-livell ta' sport għad-dilettanti u dak tal-ogħla livell.

Li niddefendu l-mudell tfisser li nħarsu t-trasparenza u l-integrità, niżguraw li l-aċċess għall-kompetizzjonijiet u r-riżultati fl-isport ikunu bbażati fuq il-mertu – mhux fuq l-esklużività finanzjarja jew sistemi magħluqa. Din it-trasparenza, inkorporata fl-istrutturi ta' promozzjoni u relegazzjoni, hija x'jiddistingwi l-biċċa l-kbira tal-isport Ewropew minn formats b'motivazzjoni kummerċjali. Ir-rikonoxximent tal-awtonomija tal-isport mill-UE u l-Istati Membri tagħha m'għandux irendina kompjaċenti; jeħtieġ li nibqgħu attivi, fi djalogu kostanti u li nkunu impenjati favur titjib kontinwu. Neħtieġu pożizzjoni b'saħħitha kontra t-trasferiment ta' kompetizzjonijiet Ewropej barra mill-Ewropa għal finijiet kummerċjali, filwaqt li naffermaw mill-ġdid li l-valur kulturali u soċjali tal-isport m'għandux jitnaqqas sal-livell ta' komodità negozjabbli.

L-għoti tad-drittijiet li jiġu ospitati avvenimenti kbar huwa qasam ieħor fejn jeħtieġ li jissaħħu t-trasparenza u l-leġittimità. Id-deċiżjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq kriterji pubbliċi ċari, u l-pajjiżi kandidati għandhom jiġu evalwati għar-rekord tagħhom fejn jidħlu d-drittijiet tal-bniedem, l-istandards ta' governanza u l-libertà tal-istampa. F'dawn l-aħħar snin, whistleblowers u investigazzjonijiet indipendenti żvelaw kif l-allokazzjoni ta' tornej tista' tiġi influwenzata minn teħid mhux trasparenti ta' deċiżjonijiet, nuqqas ta' sorveljanza u manipulazzjoni tan-narrattivi pubbliċi – anke sorveljanza ta' ġurnalisti u kontroll tal-informazzjoni biex titrażżan il-kritika. Esperjenzi bħal dawn jikxfu r-riskji meta jiddgħajfu t-trasparenza u l-irfiġh tar-responsabbiltà, u juru li hemm ħtieġa urġenti li jiġi żgurat li l-ftuħ, il-libertà tal-espressjoni, u l-iskrutinju indipendenti jsiru kundizzjonijiet mhux negozjabbli fl-allokazzjoni ta' avvenimenti sportivi internazzjonali u fil-monitoraġġ tagħhom.

Għalhekk, ladarba jittieħdu deċiżjonijiet dwar id-drittijiet tal-ospitar, huma essenzjali l-iżvelar sħiħ tal-voti u proċessi trasparenti ta' segwitu, flimkien ma' sorveljanza indipendenti u rekwiżiti ċari għal-legat soċjali u ambjentali fit-tul tal-avveniment.

Madankollu, it-tisħiħ tad-demokrazija u t-trasparenza fl-isport imur ferm lil hinn mid-drittijiet tal-ospitar. Dan jikkonċerna l-governanza ta' kuljum tal-federazzjonijiet, il-klabbs u l-assoċjazzjonijiet, kif jiġu ġestiti l-flussi finanzjarji, kif jiġu protetti u appoġġati l-atleti, u kif tinqasam l-informazzjoni. Ifisser ukoll appoġġ għal dawk li jippromwovu l-integrità tal-isport – il-ġurnalisti, l-whistleblowers u l-esperti indipendenti – li l-iskrutinju u l-kuraġġ tagħhom huma indispensabbli għall-irfiġh tar-responsabbiltà. L-iżgurar li dawn l-atturi jistgħu joperaw b'mod liberu u sikur huwa parti ewlenija mill-governanza demokratika fl-isport.

L-ebda pajjiż jew organizzazzjoni ma tista' tikseb dawn il-bidliet waħidha. Il-progress jiddependi minn alleanzi b'saħħithom fost stati tal-istess fehma, appoġġ għall-federazzjonijiet sportivi internazzjonali biex jirrifirmaw il-prattiki ta' governanza tagħhom, u l-iżvilupp ta' għodod u standards prattiċi għall-ftuħ u l-irfiġh tar-responsabbiltà. Il-promozzjoni tal-edukazzjoni u tal-litteriżmu fil-media fl-ekosistema tal-isport hija daqstant importanti biex jissaħħaħ ir-rappurtar kritiku u indipendenti u biex jgħinu fir-reżistenza għall-manipulazzjoni u l-kontroll tan-narrattivi.

Bi sforz kollettiv, l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-organizzazzjonijiet sportivi jistgħu jgħinu jiżguraw li t-trasparenza u d-demokrazija jsiru n-norma aktar milli l-eċċezzjoni fl-isport internazzjonali. L-isport jgħaqqadna, iżda għandu bżonna wkoll. Neħtieġu vuċi Ewropea b'saħħitha, demokratika u komuni biex niddefendu l-integrità tal-isport u nippreservaw ir-rwol tiegħu bħala forza tal-għaqda fis-soċjetà.

Għalhekk, l-Istati Membri mistiedna jirriflettu dwar il-mistoqsijiet li ġejjin.

1. L-UE u l-Istati Membri tagħha kif jistgħu jappoġġaw bl-aktar mod effettiv u konkret lill-federazzjonijiet sportivi internazzjonali fit-tisħiħ tad-demokrazija, it-trasparenza u l-integrità fl-istrutturi ta' governanza – pereżempju bi prinċipji Ewropej komuni għal governanza tajba li jistabbilixxu standards u aspettattivi ċari?
2. L-UE u l-Istati Membri tagħha kif jistgħu jiddefendu u jippromwovu bl-aktar mod sod Mudell Ewropew tal-Isport – inkluż il-valuri ta' kompetizzjonijiet miftuħa, solidarjetà fost il-livelli kollha tal-isport, u responsabbiltà soċjali – filwaqt li jiġu indirizzati wkoll kampjonati separatisti u rilokazzjonijiet ta' kompetizzjonijiet Ewropej?

Id-diskors m'għandux jaqbez it-tliet minuti, jekk jogħġobkom.